MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 936/2013

Illum 24 ta' Settembru 2013

**Il-Pulizija**
**( Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Maxime Jean-Marc Claude Pascal**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Maxime Jean-Marc Claude Pascal, ta' 24 sena, iben Yves u Sylvia xebha Besy, imwieled Franza, fit-22 ta Gunju 1989, residenti NSTS residence, detentur ta' numru tal-karta ta l-identita Franciza 60345100713;

Akkuzat talli fit -23 ta Settembru 2013 ghal-habta ta 06:45 ta' fil-ghodu f'Tax-Xbiex:

1) Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq vettura IBQ 423 ghad-dannu ta Marvin Cachia, liema hsara komplessiva hija aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

Wara li semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet kkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' l-ammissjoni u wissietu illi l-piena massima hija ta sena prigunerija u taghtu zmien jikkonsulta ma' l-avukat tieghu u cio nonostante l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, li huwa wasal Malta nhar il-Gimgha 20 ta' Settembru 2013, u li mill-istqarrija tieghu jirrizulta li l-incident gara meta huwa kien xurban.

Illi mill-provi jirrizulta li l-ammont ta' danni kagunati kien ta' €458.76, liema danni gew rimborzati mill-imputat lill-parti leza qabel deher f'dawn il-proceduri.

Madanakollu l-Qorti hija tal-fehma li piena ta’ liberta kondizzjonata kif suggerita mill-partijiet waqt it-trattazzjoni hija miti wisq fic-cirkostanzi, stante li min mhux kapaci jikkontrolla lilu nnifsu fil-konsum ta’ xorb alkoholiku, u konsegwenza ta’ dan jikkaguna danni lil terzi, ghandu jigi ikkundannat ghal piena li tirrifletti dan il-fatt. Inoltre, l-Qorti ma issibx li l-verzjoni ta’ l-imputat tal-fatti kif minnu deskritti fl-istqarrija hija wahda kredibbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ hames (5) xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------